# Kawżi magħquda C-5/06 u C-23/06 sa C-36/06

## Zuckerfabrik Jülich AG, qabel Jülich AG

## vs

## Hauptzollamt Aachen
## u
## Saint Louis Sucre SNC *et*

## vs

## Directeur général des douanes et droits indirects u Receveur principal des douanes et droits indirects de Gennevilliers

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf u mit-Tribunal de grande instance de Nanterre)

"Zokkor — Taxxi tal-produzzjoni — Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' kwoti — Determinazzjoni tal-eċċess esportabbli — Determinazzjoni tat-telf medju"


Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fl-14 ta' Ġunju 2007 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . I - 3234

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Mejju 2008 . . . . . . I - 3264

## Sommarju tas-sentenza

1. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Zokkor*
   *(Regolament tal-Kunsill Nru 1260/2001, Artikolu 15(1)(b) u (ċ))*

2. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Zokkor*
   *(Regolament tal-Kunsill Nru 1260/2001, Artikolu 15(1)(d); Regolamenti tal-Kummissjoni Nru 1837/2002, Nru 1762/2003 u Nru 1775/2004)*

1. Skont l-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1260/2001, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, għall-finijiet tal-kalkolu tal-eċċess esportabbli, il-kwantitajiet kollha ta' prodotti esportati, irrispettivament minn jekk effettivament tħallsux jew le rifużjonijiet, għandhom jitnaqqsu mill-konsum.

Fil-fatt, peress illi l-eċċess esportabbli huwa kkostitwit mid-differenza bejn il-produzzjoni Komunitarja taħt il-kwoti A u B u l-konsum intern, dan tal-aħħar mhuwiex intiż li jinkludi l-kwantitajiet ta' prodotti esportati, irrispettivament minn jekk dawn ibbenefikawx jew le minn rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Fil-fatt, ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala mwarrba għall-konsum fil-Komunità, fis-sens tal-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament Nru 1260/2001, il-kwantitajiet ta' prodotti esportati.

Fil-fatt, l-eċċess esportabbli jinkludi l-kwantitajiet ta' prodotti li għar-rimi tagħhom huma previsti miżuri Komunitarji ta' sostenn.

Barra minn hekk, kieku l-kwantitajiet esportati mingħajr rifużjonijiet kienu inklużi bħala konsum intern, dan tal-aħħar ikun sopravvalutat. Konsegwentement, l-eċċess esportabbli ma jkunx stmat biżżejjed. Barra minn dan, hemm riskju li l-għan tas-sistema ta' awtofinanzjament tal-ispejjeż tar-rimi tal-eċċess, li jikkonsisti, f'li jiġi żgurat b'mod ġust iżda effikaċji l-finanzjament sħiħ mill-istess produtturi ta' dawn l-ispejjeż, ma jintlaħaqx.

(ara l-punti 37-39, 44, 45, 68 u d-dispożittiv)

2. L-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament Nru 1260/2001, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kwantitajiet kollha ta' prodotti esportati li jaqgħu taħt dan l-artikolu, irrispettivament minn jekk effettivament tħallsux jew le rifużjonijiet, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-estimi tat-telf medju għal kull tunnellata ta' prodott.

Fil-fatt, l-estimi tat-telf globali, li jinkisbu bil-moltiplikazzjoni tal-eċċess esportabbli mat-telf medju, ikunu sopravvalutati jekk prodott seta' jkun ikkunsidrat bħala esportat għall-finijiet tal-kalkolu tal-eċċess esportabbli u ma ttieħidx inkunsiderazzjoni b'mod korrispondenti għall-kalkolu tat-telf medju li d-denominatur huwa kkostitwit mit-tunnellaġġ metriku totali tal-obbligi dwar l-esportazzjoni matul is-sena tas-suq kurrenti. Għalhekk, barra fl-ipoteżi teoretika ħafna fejn l-esportazzjonijiet kollha bbenefikaw minn rifużjonijiet, is-sistema introdotta mill-Kummissjoni, li teskludi mill-obbligi tal-esportazzjoni l-kwantitajiet esportati mingħajr rifużjonijiet, inkwantu din wasslet fil-prattika sabiex tifissa *a priori* t-telf globali għal ammont għola minn dak tal-ispejjeż marbuta mar-rifużjonijiet, tmur lil hinn mill-għan tar-Regolament Nru 1260/2001, u b'mod partikolari ta' finanzjament ġust tal-ispejjeż għar-rimi tal-eċċess tal-produzzjoni Komunitarja skond il-prinċipju tal-awtofinanzjament.

Minn dan jirriżulta li l-metodu għall-kalkolu tat-telf medju għal kull tunnellata ta' zokkor, li jieħu inkunsiderazzjoni biss il-kwantitajiet ta' prodotti esportati li effettivament taw lok għall-ħlas ta' rifużjonijiet, mhuwiex konformi mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1260/2001. Konsegwentement, ir-Regolamenti Nru 1762/2003 u Nru 1775/2004, li ffissaw, għas-snin tas-suq 2002/2003 u 2003/2004, l-ammonti ta' taxxa fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor, li japplikaw dan il-metodu, huma invalidi. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Regolament Nru 1837/2002, li jirreferi għas-sena tas-suq 2001/2002, eżami tiegħu ma rrilevax l-eżistenza ta' elementi tali li jeffettwaw il-validità tiegħu inkwantu t-telf medju kien ikkalkolat fuq il-bażi tal-kwantitajiet kollha ta' zokkor esportati taħt il-forma ta' prodotti pproċessati, irrispettivament minn jekk dawn l-esportazzjonijiet ibbenefikawx jew le minn rifużjonijiet.

(ara l-punti 53, 54, 60, 61, 63-66, 68 u d-dispożittiv)